# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Oriana Spiteri)

(Spettur Pier Guido Saliba)

(Spettur Colin Sheldon)

(Spettur Jonathon Ransley)

Vs

**Joseph Farrugia**

Illum, 26 ta`Frar, 2025

Il-Qorti,

Rat li fid-29 ta' Jannar, 2019 tressaq taht arrest l-imputat **Joseph Farrugia**, 27 sena, bin Gilormu u Pauline nee' Mallia, imwieled Pieta' nhar is-17 ta' Lulju, 1991 residenti fil-fond numru 1, Sqaq, Ghar il-Gobon Numru 2, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 362191 M akkuzat talli nhar is-sitta (6) ta' Jannar, 2019 u fil-jiem ta' qabel gewwa 33, Triq Mikiel Bormla, ikkommetta serq ta' flus kontanti li kienu f' envelopes ta' valur li jeccedi € 2,329.37 minn gewwa residenza 33, Triq San Miliel Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ghad-detriment ta' Karen Grech u / jew persuni ohra.

Rat li l-imputat assisti wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u wara li dina l-Qorti taghtu ftit zmien ghal ripensament tenna l-ammissjoni tieghu.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2019 il-Qorti ikkundannatu ghal probation ta' tlett snin.

Rat li permezz ta' rikors datat 9 ta' Settembru, 2019 l-Ufficjal tal-Probation ghamlet **denuzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 21, tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta** kif emendat bl-Att IV tal-2014 fejn hija ppremmettiet u talbet is-segwenti

*" (1) Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' Joseph Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 362191 (M) . . .omissis . . .*

*(2) Illi Joseph Farrugia qieghed jonqos milli jzomm il-kuntatt mehtieg mal-Ufficjal tal-Probation u ghaldaqstant ma tistax issir is-supervizjoni necessarja;*

*(3) Illi l-koncernat qieghed jippersisti fl-uzu ta' sustanzi illeciti specjalment kokaina.*

*Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, l-esponenti thossha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din ir-rispettabbli Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat li l-Qorti appuntat il-kaz ghas-smiegh ghas-seduta tal-30 ta' Settembru, 2019.

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Settembru, 2019 l-Ufficjal tal-Probation Sarah Bezzina ikkonfermat bil-gurament r-rikors pprezentat fid-9 ta' Settembru 2019. Il-Qorti ordnat li jsiru tlett seduti mal-ufficjal tal-probation taht sanzjoni ta' disprezz.

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-probation Sarah K. Bezzina ipprezentat fil-17 ta' Settembru 2020.

Semghet ix-xhiedha tal-Ufficjal tal-Probation Sarah K. Bezzina fis-seduti tal-9 ta' Gunju 2022, is-7 ta' Mejju, 2024 u tal-18 ta' Gunju, 2024;

Rat li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 2022.

Rat li minkejja li kien notifikat l-imputat ma deherx ghas-seduti tad-19 ta' Settembru, 2022, 17 ta' Jannar, 2023, 14 ta' Marzu, 2023, 26 ta' Settembru, 2023, u fis-seduti meta

attenda huwa ma producja ebda' provi u dan mikejja li kien hemm appuntati erbatax (14) il-seduta ghal dan il-ghan;

Rat li l-Qorti ghalqet il-provi tal-intimat fis-seduti tal-18 ta' Gunju 2024 u differiet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-artikolu 21, tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti, d-dokumenti u x-xhieda kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat,

**L-Ufficjal tal-Probation Sarah Bezzina,** fis-seduta tal-9 ta' Gunju, 2022 xehdet li l-ahhar darba li rat l-imputat kien fis-16 ta' April 2021 u li l-imputat ma attendiex ghal appuntamenti li nghatawlu.

Fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2024  xehdet li hija ma ghandiex kuntatt mal-imputat u l-ahhar darba li kienet ratu kien fis-16 ta' April, 2021. Kienet iddenunzjatu minhabba n-nuqqas ta' attendenza ghall-appuntamenti, l-uzu ta' kokaina. Hija tixhed li ma kienx motivazzjoni minn naha tal-imputat. L-ahhar appuntament li nghatalu kien fl-1 ta' Lulju 2021 fejn baghar messagg li ma setghax jigi.  Minn dak in-nhar 'l hawn ma kienx hemm kuntatt minn naha taghha, kienet harget leave u kienet hadet hsieb kollega taghha li pprovat taghmel kuntatt pero' ma wasslet mkien.

Fix-xhieda taghha tat-18 ta' Gunju 2024 tixhed lli Joseph Farrugia baqa' jippersisti fuq l-uzu tad-droga. Li l-ordni tal-probation waqfet fis-sena 2022 u li l-imputat ilu ma jkollu kuntatt maghha zmien.

**Rat ir-rapport al-Ufficjal tal-Probation Charisse Boffa** datat 13 ta' Jannar, 2023 dwar l-andament ta' Joseph Farrugia li giet assenjata l-kaz wara li l-Ufficjal tal-Probation precedenti harget b' leave fit-tul. Hija tirrapporta illi minkejja li saru diversi tentattivi kemm permezz tal-mobajl u kif ukoll permezz ta' ittri b' diversi appuntamenti sabiex l-ikkoncernat jattendi appuntatmenti gewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole Joseph Farrugia qatt ma attenda l-ebda appuntament. Infatti din is-sitwazzjoni kienet l-istess meta kien segwit mis-Sa. Bezzina u fil-fatt wasslet ghall-imsemmija denunzja.

Ikkunsidrat,

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta ampjament ipprovat li l-imputat ma ottemprax ruhu mal-Ordni ta' Probation tal-29 ta' Jannar, 2019 (a fol. 15 tal-process) u dan minkejja li inghata diversi opportunitajiet sabiex jaghmel dan.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti a tenur tal-Artikolu 21 u 23 tal-Kap. 446 u 267 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib li l-imputat kiser l-kundizzjonijet tal-probation tieghu tad-29 ta Jannar 2019 maghmul mill – Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjoni li dwarha kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm irregistra ammissjoni u tirrevoka l-Ordni ta` Probation maghmula bis-sentenza imsemmija u tikkundanna lill-hati ghal perijodu ta prigunerija effettiva ta`tlett (3) snin.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**